VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,671, 12 ta' Novembru, 2010
Taqsima B

A.L. 480 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li jkollhom waħda mill-kwalifiki li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor b'mill-anqas it-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju li l-Bord iqis rilevanti; jew

(b) grad ta' Bachelor b'mill-anqas Kategorija IIA u grad medju B f'qasam ewlieni ta' studju li l-Bord iqis rilevanti; jew

(ċ) grad minn din l-università jew minn università oħra li l-Bord iqis komparabbli mal-gradi ndikati fis-sottoparagrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

(2) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fil-Kors. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun mħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu wara intervista li ssir minn bord tal-intervisti maħtur mill-Bord u li jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri. Il-preferenza normalment tingħata lill-gradwati fl-Edukazzjoni, inklużi dawk li għandhom il-Postgraduate Certificate in Education jew dawk li komplew l-istudji tagħhom fl-Edukazzjoni fil-livell ta' wara l-ewwel grad.

(4) Il-bord tal-intervisti għandu jagħżel lill-applikanti skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom għandu jkun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza ta' xogħol fil-qasam jew f'qasam relatat;
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista; u
(d) il-kapaċità professjonali u d-dispozizzjoni.

(5) L-applikanti għandhom jissodisfaw lill-Bord dwar il-proficjenza tagħhom fl-Ingliż, skont kif applikabbli.

(6) L-istudenti eliġibbli għar-reġistrazzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu taqsimiet studju supplimentari kif mitlub mill-Bord sa massimu ta' 10 kredti, wara li jitqiesu l-istudji preċedenti tagħhom ma' dawk li se jagħmlu fil-Kors.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu. Il-komponent mgħallem jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu u l-komponent tar-riċerka jikkonsisti minn taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 kredtu.

6. (1) Il-komponent mgħallem tal-Kors ikopri programm obbligatorju komuni li jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 40 kredtu, u programm speċjalizzat rilevanti għar-riċerka għad-dissertazzjoni tal-istudenti li għalih hemm assenjati 20 kredtu. Dan il-komponent ikun imfassal biex jagħti attenzjoni speċjali lill-temi fl-edukazzjoni fl-Ewropa u fil-Mediterran.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu assenjati għall-komponent mgħallem b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 kredtu, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kredti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti kollha għandhom jissottomettu t-titlu u proposta dettaljata tar-riċerka għad-dissertazzjoni fi żmien sitt xhur mir-reġistrazzjoni tagħhom għall-Kors, fil-format speċifikat fil-linji gwida li l-Bord iħejji għal dan il-għan.

(2) Id-dissertazzjonijiet għandhom ikunu xogħol oriġinali jew espressjoni ordnata u kritika ta' data eżistenti dwar suġġett partikolari, u għandhom jissodisfaw liċ-Ċentru dwar il-lingwa u l-preżentazzjoni.

(3) Id-dissertazzjonijiet għandhom ikunu bejn il-25,000 u t-30,000 kelma.

(4) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

9. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

(3) L-ebda dissertazzjoni m'għandha tkun mogħtija għall-eżami lill-Bord tal-Eżaminaturi mingħajr ċertifikat, iffirmat mis-superviżur, li jikkonferma l-oriġinalità

VERŻJONI ELETTRONIKA

tax-xogħol u l-konformità ma' dawn l-ordinamenti u d-dissertazzjonijiet għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata mill-istudenti li dak huwa x-xogħol oriġinali tagħhom.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

12. Ir-Regolamenti tal-2005 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts in Comparative Euro-Mediterranean Education Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 268 tal-2005, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2010, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2010 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.